FESTI SOLENNI
F'ĠIEĦ
IL-PRINĊPIJIET
TAL-APPOSTLI

# SAN PIETRU u SAN PAWL

LI SER JIĠU ĊĊELEBRATI FIL-KNISJA ARĊIPRETALI, MATRIĊI, KOLLEĠĠJATA INSINJI U BAŻILIKA TAN-NADUR, GĦAWDEX, AFFILJATA SPIRITWALMENT MAL-BAŻILIĊI PAPALI TA' SAN PIETRU FIL-VATIKAN U SAN PAOLO FUORI LE MURA ĠEWWA RUMA

**Mit-18 sad-29 ta' Ġunju 2021**

*San Pietru u San Pawl għandhom kliem t'għajnuna għal dan iż-żmien speċjali.*



## IL-ĠIMGĦA 18 TA' ĠUNJU: FTUĦ TAL-FESTI

*Illum tinfetaħ kampanja ta' karità b'risq persuni/familji fil-bżonn. Fuq l-Artal tal-Erwieħ jinġabru preserves u oġġetti oħra ta' utilità għal dan il-għan.*

*Minn dan il-jum l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl tkun esposta fil-Knisja għall-okkażjoni tal-festa.*

**5.00pm** Quddiesa.

**6.30pm** Rużarju.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxiija minn Mons. Ġużeppi Cauchi, li fiha jrodd ħajr lil Alla għall-50 sena tas-saċerdozju. L-Eminenza Tiegħu il-Kardinal Mario Grech jagħmel l-omelija tal-okkażjoni. Tieħu sehem l-orkestra u l-kor.
Wara Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

## IS-SIBT 19 TA' ĠUNJU: L-EWWEL JUM TAN-NOVENA

### JUM IŻ-ŻGĦAŻAGĦ

*INSIRU ĦOLQIEN ĠDID: Ma' Kristu nsiru "ħolqien ġdid. Il-qadim għadda u daħal il-ġdid" (2 Kor. 5:17).*

**5.00pm** Quddiesa.

**6.30pm** Rużarju.

**7.00pm** Quddiesa tan-Novena b'messaġġ speċjali għaż-żgħażagħ: *'Recreated Through Christ'.* Imexxi l-Vigarju Parrokkjali Dun Mark Bonello. Wara jkun hemm Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

## IL-ĦADD 20 TA' ĠUNJU: IT-TIENI JUM TAN-NOVENA

### JUM IT-TFAL

*"Intom it-tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom" (Efesin 6:1).*

**9.45am** Quddiesa għat-Tfal kollha li fiha issir il-Vestizzjoni ta' 6 Abbatini ġodda. Imexxi l-Vigarju Parrokkjali l-Kan. Dun Reuben Micallef, Direttur tal-Abbatini. It-Tfal kollha huma mistiedna jġibu xemgħa biex itellugħa waqt l-offertorju.
Wara jsir il-ftuħ ta' wirja bl-isem *"Komunikazzjoni"* fis-Sala Parrokkjali, fi Triq Xandriku. Il-wirja tibqa' miftuħa sa 12.00pm.

**5.00pm** Quddiesa tan-Novena b'messaġġ speċjali lill-barranin li jgħixu fil-komunità tagħna u l-emigranti li jinsabu fostna li ser ikunu l-mistiedna speċjali għal din l-okkażjoni. Imexxi l-Kan. Dun Loreto Tabone. Wara jkun hemm Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

## IT-TNEJN 21 TA' ĠUNJU: IT-TIELET JUM TAN-NOVENA

### NAGĦŻLU U NWETTQU L-AĦJAR

*"Lill-ieħor jingħata d-don tal-għażla tal-ispirti" (I Kor. 12:10).*

**5.00pm** Quddiesa.

**6.30pm** Rużarju.

**7.00pm** Quddiesa tan-Novena mmexxija Mons. Salv Grima li għaliha huma mistiedna l-Letturi, l-Animaturi, Kanturi, Ministri Straordinarji tat-Tqarbin, Membri tal-Għaqdiet, dawk li jgħinu fit-tindif u l-armar tal-knisja, kif ukoll il-Voluntiera fl-Għaqdiet tal-Armar tat-Toroq, tal-Banda, tan-Nar u tal-Briju. Wara jkun hemm Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

## IT-TLIETA 22 TA' ĠUNJU: IR-RABA' JUM TAN-NOVENA

### INĦADDMU D-DONI TAGĦNA

*"Kull wieħed jinqeda bid-don li rċieva, għall-ġid tal-oħrajn" (1 Pt. 4:10).*

**5.00pm** Quddiesa.

**6.30pm** Rużarju.

**7.00pm** Quddiesa tan-Novena. Imexxi Mons. Salv Muscat. Mistiedna speċjali l-*frontliners* li tul il-pandemija qdew il-komunità b'imħabba u sagrifiċċju. Jitfakkru l-vittmi kollha tal-Corona Virus. Jitfakkar ukoll il-50 anniversarju mit-twaqqif tal-Kor '*Jubilate Deo*' tal-Parroċċa tagħna. Wara jkun hemm Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

## L-ERBGĦA 23 TA' ĠUNJU: IL-ĦAMES JUM TAN-NOVENA

### IR-RWOL TAN-NISA FIS-SOĊJETÀ TAL-LUM

*"Il-qalb ħelwa u twajba (tan-nisa) hija għażiża wisq quddiem Alla" (1 Pt. 3:4).*

**5.00pm** Quddiesa.

**6.30pm** Rużarju.

**7.00pm** Quddiesa tan-Novena. Imexxi Mons. Salv Pace. F'din il-Quddiesa tiġi mfakkra Sister Maria Angela Camilleri, soru min-Nadur, membru fi ħdan il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Karità f'Bergamo l-Italja, li mietet aktar kmieni din is-sena. Mistiedna r-Reliġjużi min-Nadur fi ħdan il-Kongregazzjonijiet Reliġjużi fid-Djoċesi.
Wara jkun hemm Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

## IL-ĦAMIS 24 TA' ĠUNJU: IS-SITT JUM TAN-NOVENA

### L-IMĦABBA HIJA KOLLOX

*"Ħa jkollkom imħabba sħiħa lejn xulxin għax l-imħabba tgħatti kotra ta' dnubiet" (1 Pt. 4:8).*

**5.00pm** Quddiesa.

**6.30pm** Rużarju.

**7.00pm** Quddiesa tan-Novena. Imexxi Mons. Ġużepp Attard. Wara jkun hemm Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

**8.00pm** Preżentazzjoni tal-ktieb *'Dun Martin: Ħajtu u Ħidmietu'*, ippubblikat minn Daniel Meilak dwar l-Arċipriet Martin Camilleri li din is-sena qed infakkru l-100 sena minn mewtu.

## IL-ĠIMGĦA 25 TA' ĠUNJU: L-EWWEL JUM TAT-TRIDU

*Matul il-ġranet tat-Tridu ma ssirx il-Quddiesa tal-5.00pm*

**6.30pm** Rużarju.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija milll-Kappillan Ta' Kerċem il-Kan. On. Dun Brian Meilak, li fiha jrodd ħajr lil Alla għall-25 sena tas-saċerdozju. L-omelija ssir minn Mons. Ġużeppi Cauchi, Rettur tal-Knisja tal-Madonna ta' Pompej fir-Rabat.
Wara Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

## IS-SIBT 26 TA' ĠUNJU: IT-TIENI JUM TAT-TRIDU

**6.30pm** Rużarju.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Ġużeppi Cauchi, li fiha jagħmel ukoll l-omelija tal-okkażjoni.
Wara Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.



## IL-ĦADD 27 TA' ĠUNJU: IT-TIELET JUM TAT-TRIDU

**6.30pm** Rużarju.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Kan. Teologu Dun Gużepp Grech, li fiha jrodd ħajr lil Alla għal 60 sena tas-saċerdozju. L-omelija issir minn Mons. Ġużeppi Cauchi. Illum jitfakkar ukoll l-Anniversarju tat-għoti tal-Bażilika.
Wara Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali.

## IT-TNEJN 28 TA' ĠUNJU: LEJLET IL-FESTA

**9.00am** Quddiesa Solenni ta' ringrazzjament 'l Alla mmexxija mill-Arċipriet Mons. Jimmy Xerri li fiha jitkanta t-*Te Deum*.

**5.00pm** Quddiesa

**6.30pm** Transulazzjoni u Għasar Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Anton



Teuma, Isqof t'Għawdex flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata. Kurunella, Antifona u l-Barka Sagramentali.

**8.00pm** Quddiesa għaż-Żgħażagħ kollha .

## IT-TLIETA 29 TA' ĠUNJU

## Jum il-Festa

*Il-Quddies f'dan il-Jum ikun hekk: 5.30am, 6.15am (fil-Kappella tas-Sorijiet), 6.30am, 7.15am (fil-Knisja tal-Qalb ta' Ġesù), 7.30am (fil-Kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta fiċ-Ċimiterju ta' Kenuna ), 8.00am, 10.00am (fil-Kappella ta' Santa Tereża ta' Kalkutta fiċ-Ċimiterju ta' Kenuna) u 11.00am.*

**9.00am** Konċelebrazzjoni Pontifikali Solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Anton Teuma, Isqof t'Għawdex, bis-sehem tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata u l-kleru tan-Nadur. Wara t-tħabbira tal-Evanġelju, l-Isqof jaqsam magħna l-messaġġ tiegħu fl-okkażjoni tas-solennità ta' San Pietru u San Pawl. Fl-aħħar tal-quddiesa titkanta l-antifona.

**5.00pm** Quddiesa.

**7.00pm** Għasar solenni kantat, immexxi minn Mons. Arċipriet Jimmy Xerri flimkien mal-Kapitlu tal-Kolleġġjata , Antifona u Barka Sagramentali.

**8.00pm** Programm Mużikali fil-Knisja li fih tiġi esegwita mużika sinonima mall-parroċċa fosthom siltiet mid-Dramm *'Ir-Rebħa ta' San Pietru u San Pawl'*, kliem tal-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi u mużika ta' Mro. Mons. Martin Portelli.
Il-Knisja tibqa' miftuħa sal-10.00pm.

**9.00pm** Programm ta' Logħob tan-Nar tal-Ajru mill-Kmamar tan-Nar *'Madonna ta' Lourdes'* ta' San Ġwann, Malta u *'15 ta' Awwissu'* ta' Kerċem, imtella' mill-Għaqda tan-Nar tan-Nadur.



KOMUNIKAZZJONI

## WIRJA DWAR IL-KOMUNIKAZZJONI SOĊJALI FIS-SALA PARROKKJALI

Tiftaħ nhar il-Ħadd 20 ta' Ġunju u tibqa' miftuħa sal-Ħadd 27 ta' Ġunju.

**Ħinijiet tal-ftuħ:**
**Fil-Ħdud mill-10.30am sa 12.00pm.**
**Matul il-ġimgħa mill-5.00pm sas-6.30pm.**

**NB.** Dan il-programm huwa suġġett għal tibdil, dejjem skond id-direttivi maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa u tal-Knisja.

## SAGRAMENT TAR-RIKONĊILJAZZJONI

**Fil-Bażilika:** **26 ta' Ġunju:** mis-6.00am sal-10.00am mill-5.00pm sat-7.30pm
**28 ta' Ġunju:** mis-5.00am sal-10.00am mill-5.00pm sas-7.30pm

## LILL-POPLU NADURI

Inħeġġukom biex matul dawn il-ġranet tal-festa tieħdu sehem fil-funzjonijiet li jsiru fil-knisja u tersqu lejn is-Sagrament tal-Qrar u tat-Tqarbin. Bħala rigal u opra tal-ħniena fil-ġranet ta' qabel u ta' wara l-festa, min jista' joffri d-demm, jagħmel dan fl-Isptar Ġenerali.

## INDULĠENZA PLENARJA

Min iżur il-Bażilika fis-Solennità ta' San Pietru u San Pawl jista' jirbaħ l-Indulġenza Plenarja. Din tista' tintrebaħ ukoll fil-25 ta' Jannar, fl-10 ta' Frar u fil-festa ta' San Koronatu. Il-Penitenzjerija Appostolika bagħtet ittra (prot.N. 1081/16/1) lill-parroċċa bil-firma tal-Kardinal Maurus Piacenza u bid-data tal-11 ta' Diċembru 2016. F'din l-ittra tat Indulġenza Plenarja lil dawk l-Insara niedma li jqerru, jitqarbnu u jżuru bħala pellegrinaġġ il-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl fejn jieħdu sehem f'xi funzjoni jew jagħmlu talb ieħor. It-talb għandu jinkludi l-Missierna, il-Kredu u viżti lill-Madonna u lill-Appostli Pietru u Pawlu.

- Matul il-festa, l-Orkestra tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro Antoine Theuma, Maestro di Cappella, bis-sehem tal-Kor tal-Parroċċa *Jubilate Deo*. Il-mużika ta' lejljiet u nhar il-festa tkun tal-Kappella Ferdinando u Giuseppe Camilleri u Mons. Martin Portelli.
- Il-quddies kollu tan-novena u tal-festa, ser ikunu mxandrin fuq *Radju Luminaria*, li qed ixandar fuq il-frekwenza ta' 106.9FM.
- Tista' ssegwi l-festa minn fuq is-sit elettroniku *www.mnarjalive.com* u minn fuq il-paġna tal-Facebook *MnarjaLive*.
- L-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl tħeġġeġ lill-ġenituri biex ma jħallux lil uliedhom jersqu lejn il-post minn fejn jinħaraq in-nar tal-festa anke wara li din tintemm. Titlob ukoll lill-bdiewa li għandhom ir-raba' fil-limiti tal-Ġebel l-Aħmar biex jiġbru l-prodotti qabel il-festa sabiex jiġu evitati ħsarat.


L-ARĊIPRIET,
IL-KAPITLU U L-KLERU
JIXTIQULKOM
Il-Festa t-Tajba
gozopress | Ritratti: Martin Attard